# META TIĠI BID-DGĦAJSA

## NOVELLA ta' PAWLU MIFSUD

*IL-PRASPURA tas-Sur Ċensin* bdiet, tista' tgħid, biċ-ċajt. Lejla waħda kiesħa ta' Jannar, xi siegħa wara li kien wasal lura d-dar mix-xogħol, kien qed jara kummiedja fuq it-Televiż, jieħu gost u jfaqqa' d-daħk sikwit, meta fid-daqqa u l-ħin ħass weġgħa kbira f'sidru. Bħal-likieku kien ġie xi ħadd minn warajh u daħħallu f'qalbu ponta ta' stal-lett irqiq.

Is-Sur Ċensin sfar minnufih, iktar bil-biżgħa milli għax kien iħossu ħażin. Twerwer. U dak il-waqt stess qam minn fejn kien u daħal fis-sodda jistrieħ. Lanqas għall-ikel ma niżel għax mank nitfa aptit ma kien fadallu. U matul il-lejl ftit li xejn raqad. Il-ħin kollu jaħseb u jhewden.

Malli sebaħ qatagħha li ma jmurx għax-xogħol dak in-nhar. Min-flok ġiegħel lil martu ċċempillu minn għand il-ġara għat-Tabib Sant. Dan, imma qisu ma kellux għaġġla jiġi u kien qorob sewwa nofs in-nhar meta wasal.

"X'ġaralna, Ċensin?" staqsih meta ħares lejh u rah hekk mixrub u musfar.

"Hawn, Dott..." qallu dak itemtem, waqt li mess sidru b'idu tal-lemin. U ssokta jirrakkuntalu l-ġrajja kollha.

It-Tabib Sant invixtah, ittestjah għal darba tnejn, mingħajr ma kellmu mqar kelma waħda. Imbagħad taptaplu fuq spalltu, tbissimlu u qallu:

"M'għandek xejn. Tista' sserraħ rasek. Li kont minnek noħroġ minn dik is-sodda u nitlaq 'il barra għall-arja. Jagħmillek tajjeb."

Hekk għamel Ċensinu. Qam, libes u ħareġ. Imma l-magna ta' moħħu baqgħet tberren. Ma deherlux li għandu joqgħod fuq in-naqra t'eżami tat-Tabib Sant. Ried il-ġudizzju ta' xi ħadd aqwa, xi profes-sur tal-mard tal-qalb, xi speċjalista famuż.

U x-xiħadd famuż kien il-Professur Rikkardu Minelli li, kif qalulu xi ħbieb, kien ipoġġi fi spiżerija l-Belt, taħt il-loġoġ. Bla ma tilef żmien ċempel mill-kaxxa l-ħamra ta' ħdejn il-Knisja, 964579, biex jara kif jirranġa appuntament.

Weġbitu waħda tfajla, leħen irqiq ta' pupa, li kellha sebgħa mitt sena teħles minnu u taqta'.

"Xtaqt nagħmel appuntament mal-Profs Minelli..."

"Smajtek..." qaltlu dik. "Ġa għedlek li mhux qed jaċċetta nies għalissa... għax mgħobbi bix-xogħol... dak għaliex..."

"Imqar ġimgħa oħra tafx..." baqa' jinsisti s-Sur Ċensin.

"U la ġimgħa u lanqas xahar... għalissa xejn. O.K.?" U qatgħetlu dlonk.

Is-Sur Ċensin bilkemm ried jemmen u baqa' bit-telefonn f'idu. Ikkonfonda. Sata' jmur għand xiħadd ieħor, imma, daqs il-Professur Minelli min kien jifhem fil-mard tal-qalb? Qatagħha, għalhekk, li jmur hu nnifsu l-ispiżerija tal-Belt u jitlob lil dik l-anġlu jew għafrid, tagħmillu pjaċir u tara kif iddeffsu xi mkien mal-oħrajn. Hekk jew hekk, iż-żarda ried jaqtagħha.

Il-għada, wara x-xogħol, baqa' dieħel il-Belt u mar taħt il-loġoġ fejn kien ipoġġi l-Professur Minelli. Bilkemm ma ħassux jistkerraħ jidħol u jiltaqa' ma' dik is-sinjorina tal-bieraħ. Min jaf kemm kienet tuq tagħha! Imma la kellu l-bżonn xejn ma kien se jaqtagħlu qalbu. Gedwed 'ave maria' biex bħallikieku tiġih tajba u daħal.

Is-sinjorina ma deħret imkien. Minflokha sab hemm wieħed raġel ikrah, qasir u oħxon, qargħi, nervuż, u jberraq għajnejh sikwit bħażżrinġijiet.

"Ħares..." beda biex qallu s-Sur Ċensin, "xtaqt nara l-Profs. Minelli."

"Tarah għalfejn?" staqsih dak bil-ħatfa.

"Biex nagħmel viżta għandu..."

"Għalxejn," qatagħlu dak.

"Ma tistax tirranġali appuntament imqar għall-ġimgħa d-dieħla...?"

"Ma nistax. Ejja sitt xhur oħra u naraw fiex inkunu..." temm igħidlu dak l-imbierek spiżjar li warrab naħa oħra dlonk biex jaqdi xi nies li kienu daħlu jixtru.

Is-Sur Ċensinu kellu jitlaq 'il barra bil-qalb it-tajba. Mikdud u miblugħ. Xortih ħażina! ħaseb bejnu u bejn ruħu. Imma f'dak il-waqt xiref f'moħħu merżuq dawl, nitfa ta' tama, u qatagħha li jittanta u jara jirnexxix. Jekk ma jidħolx mill-bieb igħaddi mit-tieqa, hux hekk igħidu?

Meta wasal ir-raħal, dik il-lejla stess, minflok ma ħaffef jinġabar id-dar ġibed lejn l-ispiżerija tas-Sur Karm Borg, ħabib ta' tfulitu. Ħobż u sikkina. Jaħilfu t-tnejn b'xulxin.

"Ara Ċensin..." għajjat dak bid-daħka malli lemħu dieħel għandu. "Dan x'ġiebek il-lejla?"

"Pjaċir irrid minn għandek, Karm. Hekk u hekk ma ġrali..." U rrakkuntalu l-biċċa tiegħu bl-intietef kollha.

"Ma nafx x'nista' nagħmillek..." wieġbu dak ixengel rasu u jkemmex xufftejh għalkemm mhux li tgħid li tfantas.

"Ara taqdinix, ħabib, għar-ruħ ommok l-għażiża. Nibqa' nafulek għomri kollu..."

"Nippruvaw Ċens... daqshekk nista' ngħidlek. Ejja arani għada

bħalissa forsi nitlaq nirranġa xiħaġa..."

"Il-lejl it-tajjeb, Karm," sellimlu Ċensinu waqt li għafaslu idu bejn it-tnejn tiegħu bħallikieku ried jgħidlu li kien qed jafdalu ħajtu f'idejh.

Il-għada fl-għaxija, is-Sur Ċensinu raġa' ħaffef lejn l-ispiżerija ta' sieħbu u lis-Sur Karm sabu jistennih bit-tbissima fuq fommu.

"X'għamilna Karm?" staqsih fuq ix-xwiek.

"Alright Ċens... Tafx kemm domt inċempel u nitħabat! Dak l-ispiżjar Vella ma tantx hu tal-pjaċir ħej. Imma fl-aħħar ċieda. Għal nhar il-Ġimgħa li ġejja fis-6.30 ta' fil-għaxija. Inti mur ftit qabel ħa tieħu il-biljett."

"Mela bil-biljett?" ried jaf Ċensinu.

"Da' ż-żmien mhux hekk, sieħeb. Kulħadd wara min imissu. U bilħaqq... għax kont insejt... Tgħidilhomx li int Ċensinu Bonnici meta jistaqsuk x'jismek. Għax hekk ftiehmna ma' l-ispiżjar. Għid li int Mikiel Frendo... Tinsihiex din, Ċens."

Ċensinu ħabat jitmeżmeż imma fl-istess waqt daħak għax raħa naqra waqda gustuża l-affari.

"Dawn xi bċejjeċ huma, Karm? Ngħid jien..."

"U int agħmel kif qed ngħidlek jekk trid tinqeda. Inkella tmur xejn..." wieġbu dak waqt li għemżu waħda bil-kif.

"Nagħmel kif qed tgħidli imma... ma ddoqqli xejn..."

"U u... kemm int tifel tajjeb Ċens. Isma' minni. Inti għidilhom Mikiel Frendo u daqshekk. U mbagħad 'il quddiem jekk ikun hemm bżonn naraw kif nirranġaw. Tajjeb jew le?"

U Ċensinu qabel miegħu. Sellimlu, għaddas rasu u mexa qajla qajla lejn id-dar.

Lill-mara ma kien għadu għarrafha xejn b'dak li kien qed jagħmel. Meta kien jiddawwar ma jiġi xi ftit kienet taħseb li jkun baqa' l-uffiċċju fuq xi xogħol jew għadda l-każin tal-banda biex iħejji għal xi kunċert. Ma kenitx tħobb toqgħod tiffittah u ssaqsih. U lanqas il-lejla ma dehrilha li titkixxef fejn kien mar illum u l-bieraħ ukoll jekk intebħet li żewġha kien jidher qisu ras maqtugħa. Qagħdet tarah idur 'l hawn u 'l hinn mal-kmamar ma jafx x'jaqbad jagħmel u fehmet li Ċensinu tagħha kien jinsab f'xi saram. U għax kienet tafu tajjeb stenniet li jiftaħ qalbu magħha fi ftit ħin ieħor. Kien ikun irid il-parir tagħha ħalli jħaffef mill-għoqqla ta' qalbu. U hekk ġara tabilħaqq. Wara li serraħ bil-qiegħda quddiemha fis-salott, bil-ġurnal u bin-nuċċali talqari f'idu, ħares għal waqt lejha u qaħqaħ ftit griżmejh u beda:

"Ara naqra waħda kif tifhimha l-biċċa int, Doris..."

"Din x'biċċa hi?" staqsietu dik bla ma tagħtu x'jaħseb li kienet mikluba tkun taf xi ġralu.

"Għax ħalli ngħidlek..." qallha jitbissem. U f'żewġ minuti kien

ferra' qalbu magħha mingħajr ma ħeba xejn. Meta lesta waqaf jistenna t-tweġiba tagħha imma dik ma kellmitu xejn. Doris ma kenitx taf tagħmel l-affarijiet bl-adoċċ, tgħaffiġhom kif inħobbu ngħidu aħna. Kienet tħobb taħseb u tiżen, tiżen u tqis, u meta tkun qieset elf darba, imbagħad kienet turi fehmitha, mingħajr ma tikkommetti ruħha fuq xejn. Imma żewġha Ċensinu kien iħossu b'a sabar u, "X'se tgħidli...?" staqsiha waqt li qam bil-wieqfa u resaq ıktar lejha.

"Ara..." qaltlu sa fl-aħħar. "Naħseb li l-aħjar li tagħmel hu li tinsa kollox u terġa' tibda mill-bidu."

"X'inti tgħid? X'jiġifieri...?"

"Jiġifieri nhar il-Ġimgħa tmur xejn għand il-Professur li semmejt. Minflok mur arġa' ara lit-Tabib tagħna u għidlu jinviżtak sewwa. Dak jifhem daqs min jifhem. U mbagħad agħmel kif jgħidlek hu. Jekk għandek bżonn tara lil xi professur ħallih imexxik hu... jirranġalek kollox hu... fhimtni?"

"U ħallina minnek int..." qalilha żewġha mfantas. U minnufih raġa' mar bil-qiegħda fejn kien. Imbagħad issokta jgħidilha: "Issa li wasalt s'hawn ma jaqbillix nitlef kollox. Mn'Alla li rranġajt appuntament. Xejn xejn naqta' l-kurżita'. Nara dawn id-dwejjaq u l-uġigħ li nħoss f'sidri x'ikunu. Xi trid biex jagħtini attakk u naqa' u mmut zoptu... barra t-triq."

"Fissazzjoni..." gergret dik għax dehrilha li ma setgħetx taqbel miegħu.

"Mela mhux fissazzjoni... Huwa l-uġigħ mhux int tħossu, Doris. Insomma jien li rrid naf minn għandek hu jekk nagħmelx sewwa naħbi ismi u ninqeda b'isem ħaddieħor. Ngħid li jien Mikiel Frendo... hux hekk qalli s-Sur Karm?"

"Jien naf x'ħarriflek..." qaltlu tidħak dik. U dak il-ħin Ċensinu flok lil martu kien qisu qed jara x-xitan. Kellu qalb jaqbadha bejn idejh u joħnoqha imma ra li jkun aħjar li ma jitbaqbaqx iżżejjed. Kien qed iħossu ġejja naqra ta' weġgħa f'dik in-naħa ta' sidru fejn kien ħassha l-ewwel darba u baża' li sa jibqa' taħtha.

"Ajma, ajma..." newwaħ waqt li ltewa lura u ħa nifs qawwi 'l ġewwa.

Doris resqet lejh u żegħlet ftit bih. U Ċensinu ħassu aħjar minnufih.

"Issa naħsibha sewwa..." qa'lha. "Hekk jew hekk sa nhar il-Ġimgħa għad baqa' jumejn."

"U mela..." qaltlu martu. "F'dawn l-affarijiet tgħaġġilx. U li kont minnek ngħid bil-biċċa lil Katie tagħna ħa tara xi tgħidlek hi."

Katie kienet binthom il-waħdanija, sinjora fl-iskejjel tal-Gvern, xebba kwieta imma taf kif għandha tmur għal għajn kulħadd. Imdaħħla f'kemm il-għaqda u taħdem daqs min jaħdem. Wara jum

xogħol, araha tibqa' sejra għal din jew dik il-laqgħa tal-kumitat, u d-dar issibha ftit li xejn. Imma missierha u ommha kienu jifhmu l-ġid li kienet qed tagħmel, li setgħu jafdawha b'għajnejhom magħluqa, u għalhekk ma kienu jindaħlulha f'xejn. Iħobbuha b'imħabba tal-ġenn u hi, xejn inqas, kienet tħobbhom u tirrispettahom daqs il-mimmi t'għajnejha.

Meta Katie waslet id-dar dik il-lejla, naqra waħda tard iktar mis-soltu, stagħġbet kemmxejn meta rat lilhom jistennewha fil-kamra tal-pranzu. Mhux soltu. Huma kienu mdorrijin jiċċenaw kmieni u mbagħad jew jinġabru fis-salott quddiem it-Televiż jew inkella mgeddsin għas-sħana tas-sodda.

"Inqala' xiħaġa..." qaltilhom dik ċumm blumm. "X'ġara ma? pa?"

Dawk tbissmu u biex iserrħulha rasha fissrulha l-affari kollha mingħajr ħafna ħabi jew tiġbid. Katie kienet qed tistenna xi ħaġa agħar, xi traġedja, u minflok sabet ruħha qed tisma' ħlieqa, ħrafa biex ngħidu hekk. Ħadet ir-ruħ u, biex kieku tissokta żżejjen il-biċċa, qaltilhom titbissem:

"Miet wieħed kunjomu Frendo f'Ħas-Sajjied fejn ngħallem jien. Jiġi n-nannu ta' żewġt itfal li jiġu l-iskola tiegħi. Qalu li sabuh mejjet fuq bank il-pjazza xi jumejn ilu... meta għamel dak il-ksieħ kollu. Skadanċ ma ġabitux il-gazzetta llum..."

"Hux dak li sejjer floku jien..." qallha missierha.

"Ma naħsibx. Dan fqir ħafna. Ma naħsibx li għandu minn fejn iħallas u jonfoq għand il-professuri..." weġbitu Katie biex kieku ma tkomplix tħawwadlu moħħu. U mbagħad qaltlu: "Int għax ma terġax tkellem lis-Sur Karm, ħabibek, u tara jirranġalekx ma' dak tal-Belt ħalli tidħol b'ismek proprju. Ngħid jien għall-professur, Frendo... u Fenech... u Bonnici... xorta waħda. L-aqwa li jdaħħal il-flus, mhux hekk?"

Għal dik il-lejla waqfu hemm. Imma l-għada fil-għaxija, is-Sur Ċensinu għamel kif issuġġeritlu bintu u mar jara lil ħabib tiegħu Karmenu, l-ispiżjar tas-St. Philip's Pharmacy, biex jitolbu jeħilsu, jekk sata' qatt ikun, minn ħafna wġigħ ta' ras bla bżonn. Imma nzerta li dan is-Sur Karm kien wieħed minn dawk li ma tantx jiskrupla u jiffitta fl-affarijiet. Baħbuħ kemm tridu imma ma jintilefx fid-dettalji żejda sakemm jinqeda u jaqdi 'l ħaddieħor. U għaldaqstant lil ħabibu Ċensinu ħadu biż-żuffjett. Mhux talli ma rranġalux talli ħabat igħaddi ż-żmien bih. Beda għat-taparsi jbeżżgħu u jgħidlu li kien se jsib ruħu arrestat. Kollox biċ-ċajt, ma ngħidu xejn, sakemm fl-aħħar taptaplu tnejn qawwija fuq dahru u biex jagħmillu l-kuraġġ, qallu:

"Ara, Ċens... Mur għall-affari tiegħek. Jekk jinqala' xi ħaġa waħħal fija. Imma m'għandekx għax tikkonfondi. U qis li tiġi tgħidli

x'qallek il-Profs. Mhux għax għandek xi ħaġa, tafx, imma hekk isserraħ rasek darba għal dejjem. U tinsiex... Mikiel Frendo." U fid-daqqa u l-ħin faqqa' daħka li dwiet ma' l-ispiżerija kollha u nstegħmet ukoll mit-triq. Daħka li serviet ta' njezzjoni mill-iprem għal ħabibu Ċensinu tant li dan ħareġ minn għandu bniedem ieħor. Kien iħossu issa sod fil-fehma u sħiħ fir-rieda, imħejji li jilqa' bil-kuraġġ dak kollu l-ħajja kienet taf tagħti.

Meta martu u bintu staqsewh jekk kienx irranġa l-biċċa, Ċensinu għamel ħaġa li kien ilu ma jagħmel bħalha s-snin. Gideb. Qallhom li kollox kien sewwa u dawk emmnuh dlonk. Kif xtaq hu.

Il-jum tal-Ġimgħa wasal ukoll. Ma ngħidux li s-Sur Ċensin kien għad baqagħlu dak il-kuraġġ ta' sur li bih kien injettah is-Sur Karm imma lanqas ma baqa' jitbeżża' u jħewden kif kien ħabat jagħmel filbidu. Dak in-nhar ħadem in-nofs ta' nhar ta' fil-għodu biss biex ikun jista' jiġi d-dar jistrieħ ftit għaliex, kif kienu wissewh xi wħud, sata' jdum sa tard bil-lejl jistenna sakemm imissu jara l-Professur.

Fil-ħamsa kien ġa jinsab il-Belt, fl-ispiżerija ta' taħt il-loġoġ, ħalli jieħu l-biljett ta' l-appuntament. Din id-darba dik l-imbierka ta' sinjorina kienet hemm. Sabiħa daqs qronfla u wieqfa bħal serduk bilgħalla. Kif kien ħaseb u fassalha f'moħħu hu. Talabha l-biljett bilħlewwa kollha.

"X'isem?" staqsietu mingħajr biss ħarset lejh.

"Frendo..." qallha minn taħt l-ilsien. Ma ħaditux mill-ewwel u kienet se tgħidlu xiħaġa imma, imbagħad, qisu ntebħet x'kien qal u fliet il-lista ta' l-appuntamenti. Qabdet biċċa kartuna ċkejkna u kitbitlu fuqu in-numru 7.

"Is-seba' wieħed..." qaltlu waqt li tagħtu daqqa t'għajn ħafifa. "Itla' stenna fuq; il-professur għadu ma wasalx."

Tala' bil-qajla t-tużżana tarġiet dojoq li kien hemm u dlonk sab ruħu f'kamra mdaqqsa mimlija siġġijiet. Kien hemm ġa xi erbgħa minn nies jistennew imma hu għamel ta' bir-ruħu li ma ra 'l ħadd u mexa dritt lejn siġġu battal li kien hemm f'rokna.

Mank laħaq serraħ li ma samax min igħidlu:

"Kif int Sur Bonnici? X'minnek?"

Ċensinu nħasad. Ġejja bic-ċajt, ħaseb hu. Iva, hawn ukoll kellu jsib lil min jafu! Ħares minn taħt lejn dak li kellmu u tbissimlu imma ma għarfux. Resaq lejh xorta waħda u ħadlu kemmxejn b'idu.

"Għaraftni hux?" qallu l-ieħor. "Jien kont skrivan miegħek ilu xi tmien snin. Fl-Uffiċċju tat-Taxxi. Issa ġa ili bil-pensjoni sentejn. Insomma..."

Ċensinu ġie fiha min kien. Ma tantx kienu laħqu għamlu ħbieb imma, wara kollox, dejjem imxew ħarir flimkien. U wara li feraħlu u

awguralu, raġa' mar intasab jistenna fuq is-siġġu.

Wara xi kwarta il-Professur Minelli wasal. U l-ewwel ma daħal kien dak l-iskrivan pensjonant ta' darba. Ċensinu ħa r-ruħ għax kien ħeles fis minn biċċa xkiel oħra. Xi ftit biex jaqbad ipaċpaċ u jsejjaħlu 'Sur Ċensin' u 'Sur Bonnici' u jisimgħu xi ħadd minn ġewwa u jħassarlu l-festi kollha! Ġew xi nofs tużżana nies oħra biex ikellmu lill-Profs. imma x-xorti riedet li ħadd minnhom ma kien jafu. Kollox kien sejjer ħarir.

Għaddiet siegħa u għaddiet oħra u sa fl-aħħar messu jidħol hu; in-numru 7.

"Poġġi..." qallu l-Professur waqt li wrieh pulturuna. Dak ħares lejh kemmxejn minn taħt in-nuċċali u mbagħad raġa' qabad iħażżeż xi ħaġa fil-ktieb li kellu miftuħ fuq l-iskrivanija ta' quddiemu. Iktar kont tgħid li hu avukat milli speċjalista tal-mard tal-qalb.

"X'jismek?" staqsih wara ftit.

"Michael Frendo..." laqlaq is-Sur Ċensin xi ftit mifxul. Kien raġa' beda jitbażża' u ġismu kien qed jirtogħod xi naqra. Il-professur kellu miktub l-isem bil-Malti, 'Mikiel' imma ma tax każ. 'Michael' u 'Mikiel' xorta waħda. Dejjem l-istess bniedem jibqa'.

"X'indirizz għandek?" ried jaf aktar il-Professur.

Issa sew! Qalb Ċensinu l-ewwel għamlet 'Tikk' u mbagħad 'Bumm' u sa ftit ieħor bdiet tħabbat sitta la sinistra. Mistoqsija bħal dik, għalkemm sata' basarha, ma kienx tħejja għaliha. U nstaram u ma kienx jaf x'jaqbad iwieġeb. Jgħidlu s-sewwa u hekk jirranġa xi ftit il-biċċa jew jivvinta wieħed minn rasu u jissokta jgħassed? Qagħad jaħsibha imma l-ieħor ħasdu.

"Staqsejtek fejn toqgħod?"

"E...e... 43 Triq il-Bajja l-Kaħla, Marsaxlokk..." qallu Ċensin b'a ma kien jaf sewwa x'qed iwieġeb.

Malli temm kliemu u ħares ċass lejn il-Professur Minelli sab lil dan b'ħalqu miftuħ. Kien qisu jrid jinfexx igħajjat u fl-istess ħin ma jafx x'se jaqbad igħid bil-għoġba li qabditu. Rah iqum bil-wieqfa, jieħu s-sura ta' ġgant, jiffissa għajnejh fuqu, u jgħidlu b'leħen ta' wieħed li mhux qed jemmen lilu nnifsu:

"Inti toqgħod f'numru 43, Triq il-Bajja l-Kaħla, Marsaxlokk? Mela allura inti u l-frejgatina tiegħi toqogħdu fl-istess post! Għax hemm inżomm il-frejgatina tiegħi... Sur Frendo."

Ċensinu tbikkem. Wiċċu ħa mitt lewn. Qalbu waqfet u reġgħet bdiet taħdem. L-għaraq xaqq għalih u......

Il-biċċa tiegħu kienet ġiet bid-dgħajsa tabilħaqq!